**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Dicembru 2020**

**Rikors Numru : 409/2019 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**MS**

**vs**

**CD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MS datat 4 ta' Settembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar is-sebgħa (7) ta' Frar, tas-sena elfejn u tlieta (2003) fil-Coastline Hotel, Salina, limiti tan-Naxxar (Malta) (kopja taċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala dok A) u minn dan iż-żwieġ ma kien hemm l-ebda wild.*

2. *Illi l-partijiet isseparaw nhar is-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009) in atti tan-Nutar Ian Spiteri (kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok B).*

3. *Illi fir-rigward tal-manteniment reċiproku, il-partijiet kienu irrinunzjaw għall-istess.*

4. *Illi bejn il-partijiet ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni, anke l-għaliex illum il-ġurnata ż-żewġ partijiet għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet rikjesti mill-liġi għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.*

*U dan taħt kull provvediment ieħor li l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CD datata 20 ta' Frar 2020 ( fol 14 ) li taqra hekk:

*Li permezz tagħha huwa ma jopponix għad-divorzju u dan kif jidher mill-email kopja tagħha hawn annessa u immarkata bħala Dok DC 1.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Illi ir-rikorrenti MS xehdet bil-ġurament ( fol 18 ) illi hija iżżewwġet lir-raġel tagħha fis-7 ta' Frar 2003 u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fis-16 ta' Marzu 2009. Illi mid-data tas-separazzjoni 'l hawn, ma kienx

hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas hemm tama li din ir-rikonċiljazzjoni isseħħ. Finalment xehdet li ma hemm ebda manteniment dovut.

Illi l-intimat DC xehed permezz ta' mezzi eletronici internazzjonali imhejijja minn l-Assistent Gudizzjarju adetta ma din il-Qorti, Dr Cordina Zammit (fol 27) u ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet martu MS.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta'***

***manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Frar 2003 (Vide dok A, fol 3) u minn dan iż-żwieġ huma ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ian Spiteri, datat 16 ta' Marzu 2009 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**